**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Numru : 807/2017 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**Bank of Valletta p.l.c (C2833)**

**Vs**

**Dr. Benjamin Valenzia u l-P.L. Alison Wadge li permezz ta' Digriet data 16 ta' Frar 2017, gew appuntati kuraturi deputati ghall-assenti Kreaton Cutajar (K.I numru 600977(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c datat 5 ta' Settembru, 2017, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett u Johanna Bartolo (I.D. 129569 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament;*

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, datat 28 ta' Marzu 2006 (Dok. "A") u zewg skritturi privati, wahda datata 9 ta' Novembru 2010 (Dok. "B") u l-ohra datata 16 ta' Jannar 2014 (Dok. "C"), fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Kreaton Cutajar.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Kreaton Cutajar fis-somma ta' wiehed u tmenin elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€81,279.80), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Consumer Loan Accounts" ta' Kreaton Cutajar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D6" u Dok. "E"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A", Dok. "B" u Dok. "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kreaton Cutajar*

   a) *naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Kreaton Cutajar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Kreaton Cutajar gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Jananr 2016, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'F', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid l-konvenut ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok "A", Dok. "B" u Dok. "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kreaton Cutajar (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Kreaton Cutajar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

2. *Tikkundanna lil Kreaton Cutajr jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u tmenin elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€81,279.80), bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Consumer Loan Accounts" ta' Kreaton Cutajar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D6" u Dok. "E"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 22 ta' Jannar 2016 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr.Benjamin Valenzia u l-P.L. Aliosn Wadge, datata 17 ta' Ottubru, 2017, a fol 52 li taqra hekk:

*Dr Benjamin Valenzia (K.I 144884M) bil-gurament tieghu jesponi bir-rispett u jikkonferma s-segwenti:*

1. *Illi l-kuraturi deputati mhumiex edotti mill-fatti.*

2. *Illi l-kuraturi deputati jitolbu lis-socjeta rikorrenti tghaddilhom l-ahhar indirizz maghruf sabiex ikun jistghu jikkomunikaw mal-istess Kreaton Cutajar.*

3. *Illi huma jirrizervaw minn issa l-fakulta' li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza ezebiti.

**Ikkonsidarat:**

**Johanna Bartolo** xehdet permezz ta' affidavit a fol 49 illi is-socjeta rikorrenti ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimat Cutajar permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Marzu 2006 u kif ukoll permezz ta' zewg skritturi privati datati 9 ta' Novembru 2010 u 16 ta' Jannar 2014. Ikkonfermat illi s-socjeta rikorrenti tinsab kreditrici ta' Cutajar fis-somma ta' wiehed u tmenin elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€81, 279.80) bilanc ghad-debitu fil-*Loan and Consumer Loan Accounts*, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Awissu 2017 sal-effettiv pagament.

**Marisa Debono** xehdet a fol 58 *et seqq* illi mill-informazzjoni li ghandu l-bank jidher illi l-intimat Cutajar telaq minn Malta circa fl-2013. Qalet illi minn mindu nfethet il-kawza, ma sar l-ebda pagament, u lanqas ma sar xi kuntatt mill-istess Cutajar. Spjegat illi l-ammont dovut hu fuq *home loan* u fuq *business loan* li qabel kienet *overdraft.* Din l-*overdraft* giet ikkonvertita f'loan fis-16 ta' Jannar 2014 meta l-file ghadda ghand id-*Debt Management Department.* Qalet illi fuq dawn il-kontijiet, ir-rata t'imghax ta' 8% bdiet tigi imposta mill-17 ta' Lulju 2014 u dan meta intbghatet il-*call in letter.*

**In kontro-ezami** a fol 63 *et seqq* xehdet illi mil-file tal-bank jirrizulta illi Cutajar kellu problema tal-vizzju ta' droga, u filfatt kien ghamel kors ta' riabilitazzjoni. Qalet illi l-metodu ta' kommunikazzjoni tal-bank kien tramite telefonati, fejn anke cemplu d-dar tal-genituri tieghu li pero kienu qalu li ma jafux fejn kien qieghed binhom.

**Ri-prodotta** a fol 66 *et seqq* xehdet lli skont rapport li jibda minn Frar 2006 u jkompli sa Jannar 2014 jirrizulta illi l-bank ghamel kuntatt mal-intimat Cutajar xi tnejn u sittin (62) il-darba.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi mid-dokumentazzjoni a fol 80 *et seqq* jirrizulta illi ghalkemm l-intimat baghat *email* lill-kuratur deputat fejn informah illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni li l-bank jiehu d-dar, qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex il-kuratur jipprezenta ammissjoni formali.

Wara li rat l-atti u d-dokumenti kollha, l-Qorti tqis illi t-talbiet tal-bank jirrizultaw pruvati u ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skritturi privati fuq imsemmija ezibiti bhala Dok "A", Dok. "B" u Dok. "C", partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kreaton Cutajar (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Kreaton Cutajar li pperikolaw jew affettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' rikorrenti, u**

2. **Tikkundanna lil Kreaton Cutajar ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' wiehed u tmenin elf, mitejn u disgha u sebghin Ewro u tmenin centezmu (€81,279.80), flimkien mal-imghax legali ulterjuri mill-10 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu minn Kreaton Cutajar.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**